MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 238/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Brian Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Brian Muscat talli:

(1) Ikkommetta serq minn residenza privata ta' 'decoder' u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-lok u sar ghad-dannu ta' Vincent Fenech minn Hal-Balzan u/jew persuni ohra;

(2) Bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' dak ta' serq ikkwalifikat minn residenza privata, wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema

delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, lok u valur ghad-dannu ta’ Vincent Fenech minn Hal-Balzan u/jew persuni ohra;

(3) Ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ fil-bieb ta’ barra ta’ residenza privata, liema hsara tiskorri l-Lm10 izda inqas minn Lm50 ghad-dannu ta’ Vincent Fenech minn Hal-Balzan u/jew persuni ohra;

(4) Akkuzat ukoll bi ksur ta’ probation a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn kien misjub hati b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 4 ta’ Dicembru 2003 u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu, kif ukoll billi sar recidiv b’sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 8 ta’ Mejju 1997 u 3 ta’ Lulju 1998, liema sentenzi saru definittivi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Lulju, 2008, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Brian Muscat hati tal-akkuzi dedotti u, wara li rat l-artikoli 41(1), 284, 285, 261(b)(c)(e), 264, 267, 269, 278(1)(2), 279(a), 49, 50, 17 u 31 tal-Kap. 9, ikkundannatu sena prigunerija bit-tnaqqis taz-zmien li ghamel taht arrest preventiv;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Brian Muscat pprezentat fl-24 ta’ Lulju 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti u kwindi tilliberah skond il-ligi. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena aktar ekwa ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Nonostante illi l-ewwel talba ta' l-appellant hi sabiex din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti, effettivament dan hu appell mill-piena. L-appellant jaghmel numru ta' sottomissjonijiet li jikkunsidra bhala ragunijiet li minhabba fihom kien jimmerita piena aktar ekwa.

Qabel xejn pero` din il-Qorti tosserva illi dik li fis-sentenza appellata giet indikata bhala l-imputazzjoni numru erbgha (4) u li tirriproduci r-raba' imputazzjoni (mhux enumerata) fl-akkuza effettivament fiha zewg partijiet. Fl-ewwel parti l-appellant (allura imputat) qieghed jigi akkuzat li kiser il-*probation* [*recte: conditional discharge*] li minnu bbenefika b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' l-4 ta' Dicembru 2003 billi kkommetta reat iehor fi zmien il-perijodu ta' *conditional discharge*. Permezz tat-tieni parti mbaghad l-appellant gie akkuzat li sar recidiv b'sentenzi moghtija wkoll mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-8 ta' Mejju 1997 u fit-3 ta' Lulju 1998, liema sentenzi saru definittivi.

Issa, mis-sentenza appellata jirrizulta illi, nonostante d-dikjarazzjoni ta' l-ewwel Qorti li kienet qed issib htija ta' l-akkuzi kollha, hija ma ttrattatx ma' l-appellant ghall-ksur tal-kondizzjoni imposta bis-sentenza msemmija ta' l-4 ta' Dicembru 2003 li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet snin minn dik id-data (ara sentenza a fol. 44 u 45). Dan jirrizulta kemm mill-fatt li ddikjarat biss li l-imputazzjoni ta' recidiva tirrizulta kif ukoll mill-fatt illi fost l-artikoli ma ccitatx l-artikoli rilevanti ghal dik l-imputazzjoni, cioe` ghall-imputazzjoni li kien kiser il-kondizzjoni mposta bl-imsemmija sentenza u allura wkoll l-artikoli rilevanti ghar-reati li taghhom kien instab hati bl-istess sentenza.

Issa, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

Skond gurisprudenza kostanti ta’ din il-Qorti, in-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita` tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta’ formalita` sostanzjali fis-sens ta’ l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali. F’kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata[1].

Gie ukoll ritenut li l-Qorti tista’ dejjem tirrileva tali nuqqas *ex officio* ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan[2].

Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tiddikjara s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti nulla u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellant, mill-beneficcju tad-doppju ezami, sejra tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tiddeciedi l-kaz mill-gdid skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi:
Tiddisponi mill-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata, tqieghed lill-appellant fil-posizzjoni li kien immedjatament qabel ma nghatat is-sentenza appellata u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tiddeciedi l-kaz mill-gdid skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Ara l-Appelli Kriminali fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Donald Cilia**, 24 ta’ April 2002; **Il-Pulizija v. Benjamin Muscat**, 28 ta’ Gunju 2002 u 10 ta’ Lulju 2002; **Il-Pulizija v. Joseph Zahra**, 9 ta’ Settembru 2002; **Il-Pulizija v. Paul Cachia**, 25 ta’ Settembru 2003; **Il-Pulizija v. Mark Portanier**, 14 ta’ Settembru 2004; **Il-Pulizija v. John Axiaq et**, 19 ta’ Mejju 2005; **Il-Pulizija v. Stefan Abela**, 2 ta’ Frar 2006; **Il-Pulizija v. Anthony Borg**, 1 ta’ Gunju 2006.

[2] Ara l-Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Anthony Zahra**, 26 ta’ Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Vincent Cucciardi**, 6 ta’ Jannar 2005.